FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 02 TA' MARZU 2016

Il-Pulizija

Spettur Fabian Fleri

vs

Niko Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 170193M akkuzat talli:

1. fl-14 ta' Novembru 2015 ghal habta ta' bejn is-sitta u s-sitta u nofs ta' filghaxija, gewwa Triq San Pawl Valletta, ikkommetta serq ta' handbag minn fuq il- persuna ta' Giovanna Farrugia ta' 68 sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u vjolenza illi kienet diretta fuq il-persuna li kienet ghalqet l-eta ta' sittin sena u bil-hin Artikoli 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 274(b), 276A, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giovanna Farrugia skond kif iccertifika Dr Edward Grech mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, Artikoli 216(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li kien jaf jew missu li kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel lil Giovanna Farrugia ta' 68 sena issofri, u gab fuqha ugiegh fiziku u/jew tbatija mentali mhux gustifikabbli, Artikoli 257A (1)(2)(3)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr A. Vella LLD datata 10 ta' Jannar 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel, Artikoli 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 216(1)(a), 257A (1)(2)(3)(a), 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 274(b), 276A, 277(a), 383, 384, 385, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Tikkunndannah erba' snin u xahar prigunerija.

A.M.Trigona

Magistrat